**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**
**-Vs-**
**JURGEN XERRI**

**Illum 8 ta' Lulju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba kontra **JURGEN XERRI** ta' 46 sena, bin Carmel Xerri u Mary xebba Spiteri, imwieled nhar id-19 ta' Dicembru 1978 il-Pieta, residenti Desmari House, Triq San Piju X, Santa Lucija, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 151479M akkużat talli nhar is-6 ta' Lulju 2025 għall-ħabta ta' tlieta ta' wara nofs inhar (15:00hrs) ġewwa l-Marsa u/jew fil-viċinanzi,:-

1. Saq vettura ta' għamla Toyota Vitz rreġistrata bi numru JON 811 mingħajr liċenzja tas-sewqan;

2. Saq vettura ta' għamla Toyota Vitz rreġistrata bi numru JON 811 mingħajr ma' kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni

3. Naqas milli josserva xi waħda u/jew iktar minn waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali b'digriet mogħtija mill-Onor. Imħallef Edwina Grima LL.D, datat 27 ta' Mejju 2024 u li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet;

4. Aktar talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Arikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenzi definittvi mogħtija mill-Qrati ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb dak il-warrant, liċenzja, permess jew awtorita', għal perjodu ta' żmien illi l-Qorti jidrilha xieraq skont l-Artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imputat Jurgen Xerri u kif ukoll tordna li l-ammonti stabbiliti fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi kkonfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Ġvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravita' tar-reat.

Il-Qorti kienet finalment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Art. 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha;

Wissiet lill-imputat dwar in-natura tar-reati li jinsab mixli dwarhom, dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, il-konsegwenza ta' dikjarazzjoni ta' ħtija u l-piena erogabbli, u tatu ħin biex jaħseb sew dwar din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tiegħu;

Semghet lill-imputat, wara dan kollu, jikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tiegħu;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena u semgħet lill-Prosekuzzjoni u d-difiża jiddikjaraw li jaqblu illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-piena ta' multa tkun waħda ideona;

Semgħet ukoll lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li fiċ-ċirkostanzi m'hijiex qiegħda tinsisti fuq ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-imputat bħala konsegwenza tal-ħtija tar-reat taħt l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali;

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni li ġiet reġistrata mill-imputat, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tiegħu, tqis li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tiegħu ġew debitament ippruvati u b'hekk l-imputat għandu jinsab ħati tar-reati li ġie mixli dwarhom.

Għall-fini tal-piena ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali oneruża tal-imputat li diġa' nstab ħati qabel tar-reat ta' sewqan ta' vettura li ma kienetx liċenzjata biex tinstaq fit-triq bil-konsegwenti sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan tiegħu, kif ukoll il-fatt illi minkejja li l-liċenzja tiegħu kienet ġiet revokata għal darb'oħra fis-16 ta' Jannar 2025, reġa' saq vettura u b'hekk ikkommetta wkoll delitt volontarju waqt li kien meħlus mill-arrest. Min-naħa l-oħra, qieset il-fatt illi l-imputat irreġistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri tal-proċeduri u kollox magħdud, għall-fini tar-reat taħt l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, ma tqisx illi r-revoka tal-ħelsien mill-arrest mogħti bis-saħħa tad-digriet tal-Qorti Kriminali tas-27 ta' Mejju 2024, u l-arrest mill-ġdid tal-imputat, ikun mistħoqq jew f'loku.

**Għal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli 17, 49, 50 u 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku**

**(Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-artikolu 3(1)(2)(a)(2A) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskju ta' Terzi Persuni (Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta), fuq ammissjoni ssib lil JURGEN XERRI ħati tal-imputazzjonijiet kollha u tikkundannah multa komplessiva ta' tliet elef u ħames mitt Euro (€3,500), liema multa bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(1) tal-Kodiċi Kriminali, għandha titħallas fi żmien sena minħabba l-mezzi finanzjarji limitati tal-ħati.**

**Għall-fini tal-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna l-konfiska tal-ammont ta' elfejn Euro (€2,000) mill-ammont stabbilit għall-ħelsien mill-arrest fid-digriet tas-27 ta' Mejju 2024 mill-Qorti Kriminali fil-proċeduri fl-ismijiet 'Il-Pulizija v. Jurgen Xerri', iżda ma tilqax it-talba tal-Prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u għall-arrest mill-ġdid tal-ħati.**

**Għall-fini tal-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien tlettax (13)-il xahar.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jieħu konjizzjoni tal-ordni għall-konfiska.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**